# Kunsill Lokali Iż-Żurrieq

## Il-Pjan ta' Ħidma

## 2024-2028 rivedut f'April 2025

Il-Werrej


L-Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni 1

Id-Dikjarazzjoni tal-Missjoni u l-Valuri 2

Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji 3

Analiżi tal-ħidma tal-Kunsill 6

Previżjoni tal-Finanzi u l-Performance 8

## 1.0 Introduzzjoni u Analażi tas-Sitwazzjoni

Dan il-Pjan ta' Ħidma li ġie mħejji għal ħames snin u li qed jiġi rivedut f'April, 2025, hekk kif titlob il-liġi tal-Kunsilli Lokali. Dan il-pjan ta' ħidma, għandu jwassalna biex inkomplu ntejbu l-lokalita' tagħna kif ukoll naslu biex noffru servizzi ġodda jew intejbu fuq dak li diġa bdejna, għall-benefiċċju tal-komunita' tagħna.

Fis-sena 2023 kien maħsub li jibda l-proġett ta' Misraħ Repubblika, wara diversi laqgħat mal-Perit inkarigat mill-proġett u mas-soċjetajiet tar-raħal. Dan il-proġett kien ser jiġi ffinanzjat parzjalment minn fondi li applika għalihom il-Kunsill u parti mill-fondi ta' DPF (fondi mill-Planning Authority). Il-Kunsill kellu ħafna xkiel u s'issa għadu ma inbediex. Qed nippruvaw li x-xogħol jinbeda fis-sena 2025, wara li jinġibu l-permessi kollha meħtieġa.

F'din is-sena ukoll ser jitkomplew l-uċugħ ġodda tal-isqaqin li għandna fir-raħal. Dawn ser isirilhom manutenzjoni estensiva li tinkludi servizzi ġodda fejn meħtieġ, wiċċ ġdid li ma jiżloqx u bdil ta' fanali fuq stil antik, bħal ma kienu saru fiċ-ċentru tar-raħal. Dan ix-xogħol ser isir b'fondi li l-Kunsill lest li japplika għalihom hekk kif joħorġu l-iskemi.

Impenn ieħor hu fuq proġetti li jattiraw aktar turisti speċjalment lejn il-Mitħna tax-Xarolla. Dan il-proġett ukoll kellu jibda fis-sena 2023 u peress li ħafna mix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-PW, il-Kunsill ser jipprova li jibda x-xogħol fuq letrina pubblika fl-akwati biex tkun tista tintuza minn min jkun fil-Mitħna tax-Xarolla.

Il-Kunsill ser jibda jilqa l-ewwel qtates imsewwijien fil-cat village/cafe li l-istess Kunsill għamel b'fondi maħruġa u mogħtija lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, wara li inġibu l-permessi meħtieġa mill-PA.

Il-Kunsill ser jibqa' jipprova japplika għal kull skema li tinħareġ mill-gvern kemm għal attivitajiet kulturali u kemm fuq għajnuniet ta' infrastruttura u edukazzjoni, biex b'hekk jirnexxilna nġibu aktar fondi minn dak allokat fil-budget ta' kull sena.

Il-Kunsill ser jagħmel il-manutenzjoni tat-tabelli tat-traffiku kollha madwar ir-raħal, ser iżid il-bankijiet u l-qsari. Ser jiżbor is-siġar tal-ġonna kollha taż-Żurrieq.

Il-Kunsill ser jibda jaħdem mal-awtoritajiet biex jinfetħu żewġ shelters mill-ħafna li jeżistu fiż-Żurrieq.

Il-Kunsill ser ikompli jorganizza attivitajiet kulturali għall-anzjani u persuni b'diżabilita.

Ser naħdmu flimkien b'determinazzjoni biex naslu. Irridu nkunu pożittivi u nħarsu b'wiċċna 'l quddiem sabiex il-miri li għandna quddiemna nilħquhom.

**Rita Grima**
**Sindku**
**April 2025**

## 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Il-missjoni tal-Kunsill hi li jkollu żvilupp kontinwu u jilħaq l-għan tiegħu bl-aħjar mod fil-bżonnijiet taċ-Ċittadini kollha taż-Żurrieq.

## 2.2 Valuri

Il-valuri li jħaddan il-Kunsill Lokali Żurrieq huma:

- Li nġibu l-massimu tal-benefiċċji lill-kommunita’ tagħna kollha kemm hi, waqt li nirrispettaw il-bżonnijiet tal-individwu u ta’ oqsma speċifiċi fil-lokalita’ tagħna
- Rispett lejn l-opinjonijiet u twemmin taċ-ċittadini kollha tal-komunita’ tagħna
- Insostnu l-impenn soċjali tagħna fil-komunita’
- L-amministrazzjoni ġusta u fil-miftuħ tax-xogħol tal-Kunsill
- Eċċellenza f’dak kollu li nagħmlu u fis-servizzi li nirċievu u nagħtu

## 3.1 Għanijiet u riżultati mistennija

INTRODUZZJONI:

Iż-Żurrieq hi lokalita' li matul dawn l-aħħar snin baqgħet tiżviluppa u tilqa' residenti ġodda minn barra mir-raħal. Il-popolazzjoni skond il-gazzetta tal-Gvern Nru. 20072 datata 19 ta' Ottubru, 2018 kienet ta' 10,796 abitant, imma persważi li hi ferma akbar, f'dan il-mument. Il-Komunita' tagħna tesiġi li tkun moqdija f'dawk il-bżonnijiet u faċilitajiet li kull soċjeta' moderna f'pajjiż modern għandu jkollha dritt għalihom. Għaldaqstant mill-Kunsill Lokali tagħha, l-komunita' Żurriqija tistenna pjan li jħares 'il quddiem lejn titjib kontinwu fl-oqsma kollha.

DIKJARAZZJONI:

Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jiggarantixxi li għaż-Żurrieq għal-ħames snin li ġejjin:

- Joffri tmexxija serja, ġusta, u li fl-ebda mument ma tasal sabiex toħloq defiċit finanzjarju.
- Ma jagħmel l-ebda forma ta' taxxa lokali.
- Ikattar l-impenn tiegħu sabiex iżomm il-kuntatt mill-qrib u kontinwu maż-Żrieraq sabiex jiżdied is-sens reċiproku ta' fiduċja bejn il-Kunsill u r-residenti.
- Iżomm kuntatt ma' persuni barranin biex jiġu integrati aktar fis-soċjeta.

### 3.1.1 PJAN SOĊJALI GĦALL-KOMUNITA' ŻURRIEQIJA

- Pjan għall-anzjani fejn, ikompli jagħqqad l-anzjani u jkompli jorganizzalhom ħarġiet kulturali u edukattivi, jkompli jorganizza korsijiet u jkompli jaħdem fuq pjan ħalli tiżdied l-aċċessibilta' għalihom.
- Titkompla tingħata l-tilqima kontra l-influwenza u jħeġġ lill-pubbliku biex jitlaqmu fuq kull ħaġa li tinħareġ mid-direttivi tas-Saħħa pubblika. Tingħata għajnuna lil min ma jkolllux transport biex imur jitlaqqam.
- Jitkompla jinagħta s-servizz ta' Wifi fil-ġonna pubbliċi u fil-librerija, u fiż-żona tal-Bini tal-Gvern fin-Nigret.
- Jsir ko ordinament mal- bank tad-demm biex isir għoti ta' demm miż-Żurrieq.
- Jsir ko ordinament mat-trakk Sort it out, biex darbtejn fix-xahar jibqa jgħati servizz liż-Żrieraq
- Il-Kunsill applika biex jieħu fondi biex jagħti l-għajnuna lill-persuni b'diżabilta, billi jixtri kotba braille u apparat biex jintuża għal mixi u jinkera lill-persuni b'diżabilita.
- Jekk joħoġu fondi ġodda, l-Kunsill ser japplika biex isir chair lift f'Dar Mattia Preti li issa saret ċentru ta' tagħlim tas-snajja.
- Il-Kunsill jitlob għajnuna mingħandi l-Gvern biex isir ċentru tal-Komunita kif jixraq lir-raħal u jiġi inkorporat fih, l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

### 3.1.2 EDUKAZZJONI

- Taħriġ edukattiv u taħriġ fil-crafts.
- Iżid fil-kotba li diġa hemm fil-librerija pubblika taż-Żurrieq. Barra l-ipads li inxtraw għall-persuni nieqsa mid-dawl, jinxtraw ukoll kotba braille u tiżdied l-għamara fil-librerija u computer biex jintuża minn studenti li jkunu jridu jagħmlu riċerka. Jiżdied l-apparat li joffri sigurta fuq il-post.
- Tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn iż-Żurrieq u l-bliet ġemellati billi jsiru skambji ta' residenti fuq bażi soċjali, kulturali jew edukattiva u sportiva.
- Titpoġġa aktar informazzjoni fuq il-Website tal-Kunsill Lokali u fuq il-paġna ta' facebook li tnediet fis-sena li għaddiet.
- Is-seduti tal-Kunsill ikunu streamed online, biex min ma jkunx jista jsegwi dirett u personali fl-uffiċċju tal-Kunsill ikun jista jara s-seduta minn fuq l-internet.
- Il-Kunsill ikompli jirreklama ċ-Ċentru ta' tagħlim għas-snajja f'Dar Mattia Preti, biex iħeġġeġ aktar adoloxxenti jattendu.
- Isir kors ta' kif tagħmel presepju tal-Milied.

### 3.1.3 AMBJENT

- Fondi għal Inizjattivi fl-Ambjent
- Jiżdiedu aktar siġar f'akwati differenti
- Issir il-manutenzjoni meħtieġa fil-ġonna pubbliċi eżistenti biex dejjem ikunu fuq livell tajjeb u sikur għal min jużhom. Inkompli nitolbu rapporti tal-health and safety, biex tali ġonna/playing fields ikunu sikuri għal min jużhom.
- Jitkompla t-tindif u qtugħ ta' ħaxix fiż-żoni mhux urbani jekk jista jkun bill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.
- Isir dog park għal dawk li jħobbu joħorġu l-klieb tagħhom.
- Jitkompla l-cat cafe fi Triq il-Belt Valletta ġaladarba jkollna l-permessi meħtieġa.
- Titkompla l-iskema tan-neutering u mediċini tal-qtates, b'kuntratt ma' vets privati u bl-għajnuna tal-feeders.
- Jiżdiedu aktar reċipjenti tal-iskart biex iż-Żurrieq jinżamm aktar nadif u nesiġu li jiġu mnaddfa ta' sikwiet. Inkomplu nesiġu biex il-BCS sites jiġu imbattla aktar ta' spiss.
- Ġbir ta' mediċini skatuti u oġġetti eletroniċi żgħar
- Il-Kunsill ikompli jinpenja ruħu li jara li l-ilmenti tar-residenti xorta jiġu solvutu malajr kemm jista jkun.

### 3.1.4 TOROQ

- Jiżdiedu bozoz ġodda fejn mitluba u approvati, speċjalment fiż-żona urbana.
- Iwessa l-bankini fejn meħtieġ li jgħaddu b'wheelchair u jagħmel manutenzjoni ta' dawk li jkollhom bżonn.

Fl-istess waqt il-Kunsill ikun kontinwament impenjat sabiex il-Gvern Ċentrali jwettaq il-parti tiegħu billi jifforma toroq ġodda li nħolqu dawn l-aħħar snin. Il-Kunsill Lokali ma jaċċettax li l-Gvern Ċentrali jibqa' passiv

u jonqos milli jagħmel il-bankini u jagħti t-tarmak għall-ewwel darba lil diversi toroq ġodda li fihom il-bini jkun tlesta.

Din hi l-lista ta’ toroq li l-Kunsill qed jinsisti fuqha ma’ Infrastructure Malta, biex isiru.

**Toroq mhux urbani**
Triq Hal Lew, Triq l-Gharajjex, Sqaq Rikka, Triq il-Madonna tal-Hniena u t-triq li miċ-Ċimiterju tal-Qrendi sa Ħal Millieri, Sqaq Ballott.

**Toroq Urbani**

- Triq is-Sienja u Triq Espeditu Deguara
- Triq Fra Gammarie Zammit
- L-akwata ta’ Triq Kostantion Farrugia, Triq Salvu Saliba, Triq Nazzareno tonna u triq Remig Sacco.
- Parti minn Vjla l-Indipendenza
- Triq Emanuel bugeja u Triq Joseph Zerafa u Triq Serafin M Zarb
- Triq il-25 ta’ Novembru
- HOS Bubaqra kollu.

Il-Kunsill fl-aħħar tas-sena 2023 irċieva lista ta’ toroq li l-Enemalta beħsieba tagħmel xogħol ta’ trinek fihom biex tagħti provista ta’ dawl aħja lir-residenti Żrieraq. Għalkemm il-Kunsill hu favur żvilupp biex ir-residenti jkunu aħjar, ma jistax ma jippressax biex dawk it-toroq minsusa jkollhom reinstatement kif mistħoqq u mhux jitħallew it-toroq kollha imkissra, b’ detriment għal aktar spejjeż lejn il-Kunsill.

Il-Kunsill qed jibqa jinsisti biex parti minn Triq Sant Agatha ma iddumx biex issir bit-tarmakk. Ir-residenti diġa batew ħafna bl-inkonvenjent ta’ sena sħiħa trabijiet u ħaddiema ma jidhrux fuq il-post biex ikomplu x-xogħol.

### 3.1.5 PROĠETTI KAPITALI

Il-Kunsill ser ikompli jinsisti mal-Gvern biex fiż-Żurrieq ikun hawn night shelter għall-anzjani fl-akwata tal-bebbux fejn diġa hemm art identifikata.

Il-Kunsill qed jaħdem ma kuntrattur li ser jibni binja sostanzjalment kbira fi Triq il-Passju u li hu obbligat li parti mis-sit jagħtih għall-użu tal-komunita. Il-Kunsill talab art u binja fi stat komplut, biex ikun jista jużha għal affarijiet tal-komunita. Din is-sena sar il-konvenju ta’ art bil-binja u f’bidu ta’ sena 2025 għandu jsir il-kuntratt. Il-Kunsill irid iħallas għat-taxxi u spejjeż oħra involuti. S’issa ħallas parti mis-servizz ta’ nutar.

Isir tisbieħ u jinħoloq mużew fil-Mitħna tax-Xarolla u jissebbaħ l-ambjent ta’ madwarha fosthom il-katakombi f’attrazzjoni turistika.

Isir tisbieħ ta’ Misraħ Repubblika u f’Misraħ Santa Marija f’Bubaqra u f’Misraħ il-Karmelitani, wara konsultazzjoni pubblika mar-residenti kollha taż-Zurrieq.

Wara konsultazzjonijiet ma' Vjal il-Kulħadd u residenti ta' Misraħ Santa Marija, għandu jibda l-proġett ta' Misraħ Santa Marija.

Fi Triq il-Wied – aħna u neżlien lejn Wied iż-Żurrieq fadal soft area kollha skart u ġebel fil-wiċċ. Il-Kunsill ser jibda jnaddafha u jitfalha ħamrija nadifa fiha biex tkun tajba biex jiġu mħawwla siġar fiha. B'hekk tkun tista tinżamm nadifa.

Isir wiċċ ġdid lill-isqaqin b'fondi minn skemi differenti.

Jibda jaħdem biex jara fejn hemm shelters fiż-Żurrieq, sabiex jitlob devoluzjoni ta' tnejn minnhom ħalli jsir resawr tagħhom.

### 3.1.6 SISTEMA TAT-TRAFFIKU

Isir il-manutenzjoni tat-tabelli tat-traffiku eżistenti u tal-linji tat-toroq. Jiżdied l-ammont allokat kull sena biex tali tabelli u marki tat-toroq ikunu fi stat viżibli tajjeb.
Is-Sindku ser tkompli tinsisti biex tal-inqas waħda mit-tliet t'idjar tan-Nigret tiġi mwaqqa sabiex Vjal l-Indipendenza titwessa b'tali mod li t-traffiku jkun mexxej.
Il-Kunsill jaħdem sabiex Misraħ Repubblika tkun aċċessibbli bil-mixi biss.

### 3.1.7 ĠEMELLAĠĠI

Għandha tibqa tissaħħaħ ir-relazzjoni mal-bliet ġemellati maż-Żurrieq billi jkomplu jsiru mawriet bejn ir-residenti Żrieraq u dawn tal-bliet li l-Kunsill hu ġemellat magħhom.
Fis-sena li ġejja l-Kunsill ser ikompli bit-taħdidiet biex issir logħba football bejn il-players taż-Żurrieq FC u dawk ta' Pedara u li tkompli tittella l-orkestra taż-Żurrieq biex tesebixxi programm mużikali ġol-bliet li ż-Żurrieq hu ġemellat miegħu, kif għamel fis-sena 2023.

### 3.1.9 INFURZAR TAL-LIĠI

Is-sistema tal-gwardjani lokali u dik tal-pulizija għandha tittejjeb, billi jagħtu aktar servizz u komunikazzjoni mal-Kunsill. Għandhom isiru laqgħat frekwenti ma' uffiċċjali tal-korp tal-Pulizija u ma' l-Ispettur ta' l-Għassa.
Il-Kunsill ser ikompli jinsisti biex il-Gvern jagħti l-Pulizija tal-komunita' fiż-Żurrieq ukoll.
Issa li nbeda l-proġett ta' community police, l-Kunsill għandu jkollu laqgħat regolari magħhom biex jgħaddi l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti.

Il-Kunsill ikompli jaħdem biex jissorvelja kontravenzjonijiet ta' skart mgħormi f'ħinijiet ta' meta ma jinġabarx skart u f'postijiet fejn mhux suppost.
Il-Kunsill ikompli jaħdem fuq sorveljar ta' parkeġġ ħażin f'kull ħin tal-ġurnata.
Ikompli jaħdem biex issir cctv fi Vjal il-Blue Grotto, wara li fis-sena 2025 saru cctv f'Misraħ ir-Reubblika, Triq Iskulur Fabri u Triq il-Belt Valletta.

### 3.1.10 TRASPORT PUBBLIKU

Isir titjib fis-sistema tat-trasport pubbliku billi jittieħdu inizjattivi sabiex mhux biss ikomplu jsiru *bus shelters* ġodda, imma biex il-Kunsill Lokali jibqa jistinka sabiex is-servizz tat-trasport pubbliku jibqa' jaqdi b'mod effiċjenti l-ħtiġijiet taż-Żurrieq.

Il-Kunsill wara li rnexxielu jakwista l-kamra ta' fejn kellhom l-uffiċini ta' Transport Malta, beħsiebu jibqa jieħu ħsieb it-tindif u l-manutenzjoni tagħha biex tkompli sservi ta' kenn għal min juża t-trasport pubbliku.

Il-Kunsill ser jibqa jinsisti mal-Gvern biex jestendi t-trasport pubbliku lejn l-MCAST u l-Junior Collage.

### 3.1.11 UFFIĊINI TAL-GVERN

Issir il-manutenzjoni meħtieġa tal-Uffiċċju tal-Kunsill kif ukoll ta' Dar Mattia Preti, fejn ikun hemm bżonn. Jibda l-proċess biex il-Kunsill japplika għal permess ta' binja ta' uffiċini u sala tal-komunita fi Triq Gervase Matthew, wara li fis-sena 2025 saret id-devoluzzjoni tal-art.

### KULTURA U TURIŻMU

**Aktar Ħajja lill-Mitħna tax-Xarolla.**

Dan isir billi:

a. Il-mitħna tkompli tiġi magħmra b'għamara tal-epoka.
b. Issir sistema awdjo visiva biex min iżur il-mitħna jkollu l-informazzjoni meħtieġa b'sistema moderna. Din għandha sservi ukoll t'għajnuna għall-kuratur.
c. Jkomplu jitrawmu aktar kuraturi, aktar u aktar issa li l-kuratur prinċipali ġie nieqes.
d. Jkomplu jsiru attivitajiet varji madwar il-mitħna.
e. Isiru aktar laqgħat ma' Aġenziji tal-Ivjaġġar biex jitħajru jorganizzaw tours fiż-Żurrieq li jinkorporaw il-Mitħna tax-Xarolla, l-Knisja Parrokjali, Ħal Millieri u wara saħansitra jieklu fiż-Żurrieq stess.
f. Jitkompla l-proċess biex isir ir-restawr tan-niċeċ fiż-Żurrieq.

B'dan kollu nisperaw li nżiedu t-turiżmu lejn il-Mitħna tax-Xarolla. Il-pjan tagħna huwa oltre dan u għalhekk trid issir ħidma sabiex bi pjan meqjus, it-turist ikun imħajjar jiskopri s-sbuħija naturali u l-wirt storiku ta' dan ir-raħal. Dan kollu joħloq il-possibilta' ta' aktar negozju fiż-Żurrieq u titjieb fil-kwalita' tal-ħajja tal-komunita' kollha kemm hi.

**Torri tal-Wardija**

Il-Kunsill ikompli jinsisti mal-awtoritajiet biex it-Torri tal-Wardija, issa li ġie rrestawrat, jkun miftuħ għall-pubbliku u jsirlu aċċess għall-parti ta' fuq. Il-Kunsill ser jipprova li t-torri jinfetaħ meta jsiru xi esebizzjonijiet.

Biex iseħħ dan il-Kunsill ġie mitlub li jitlob għad-devoluzzjoni tiegħu, imma f'dan l-istadju l-Kunsill mhux f'pużizzjoni finanzjarja tajba tant li jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' Torri storiku għal 10 snin sħaħ hekk kif ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Artijiet. Għalhekk il-Kunsill ser jibqa jinsisti biex jinfetaħ għall-pubbliku mingħajr il-bżonn li jkun devolut lill-Kunsill. B'danakollu l-Kunsill lest li jgħati l-għajnuna tiegħu.

**Tkattir tal-kultura lokali**

Dan isir billi:

a. Norganizzaw taħdidiet fuq l-istorja tar-raħal tagħna.
b. ħarġiet kulturali għal postijiet ta' nteress fiż-Żurrieq għall-istudenti Żrieraq.
c. Niskopru l-Ħiliet u t-talenti artistiċi lokali u nippromovuhom.
d. Tingħata kull għajnuna possibli biex l-għaqdiet u soċjetajiet Żrieraq jibbenefikaw minn fondi tal-UE.
e. Inkomplu nużaw is-servizzi tal-orkestra taż-Żurrieq f'attivitajiet kulturali.
f. Terġa ssir l-attivita' kulturali għal żmien il-Milied.
g. Jitlesta x-xogħol u jiġi mniedi ktieb tal-istorja taż-Żurrieq minn Fr John Curmi.
h. Il-Kunsill jibqa kull sena joħroġ kalendarju b'ritratti varji taż-Żurrieq u niesu.
i. Jitkomplew l-attivitajiet għat-tfal
j. Jibqgħu jsiru l-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq
k. Jitkomplew l-attivitajiet ta' kull xahar, billi Misraħ Repubblika tkun mgħaluqa għat-traffiku u l-ħwienet u każini joħorġu l-imwejjed u siġġijiet barra biex jiżdied il-kummerċ u joħloq ħajja fil-misraħ tar-raħal.
l. Il-Kunsill jerġa jibda jaħdem biex isir pageant tal-Ġimgħa l-Kbira hekk kif sar fis-sena 2024.
m. Is-Sindku ser tibqa taħdem biex jibda jsir il-Karnival fiz-Zurrieq hekk kif sar fis-sena 2024 u 2025 u qed ikollha taħdidiet mal-Kumitat organizzattiv tal-Karnival ta' Malta.

### 3.1.12 ASSISTENZA U INFORMAZZJONI LIĊ-ĊITTADIN

Il-Kunsill Lokali jibqa' ukoll impenjat sabiex ikompli jtejjeb il-kwalita ta' servizzi, inklużi dawk ta' l-Internet, mill-Uffiċċju Amministrattiv u fil-librerija, għall-bżonnijiet taċ-ċittadini.

Jiżdiedu aktar postijiet ta' Wifi ħalli residenti jkunu jistgħu jinqdew aħjar.

Fl-istrutturi tiegħu, l-Kunsill Lokali joħloq mekkaniżmu li jindirizza l-ħtiġijiet tal-konsumaturi u n-negozjanti lokali bil-għan li jiżdied il-kummerċ ġust fiż-Żurrieq.
Il-Kunsill Lokali ikompli jimpenja ruħu flimkien mal-Gvern Ċentrali jagħmel is-sehem tiegħu għar-ri-organizzazzjoni tal-monti ta' nhar ta' Ħamis.

### 3.1.13 GĦAQDIET VOLONTARJI

Impenn ieħor tal-Kunsill jkun indirizzat lejn il-ħolqien ta' kuntatt ħaj bejn l-għaqdiet kollha taż-Żurrieq bil-ħsieb uniku li jservi ta' xprun għal inizjattivi komuni li jistgħu jittieħdu kollettivament favur il-ħtiġijiet tal-komunita' kollha.

Il-Kunsill Lokali jibqa jinvolvi l-għaqdiet tar-raħal u b'sens ta' kollaborazzjoni jghin fost l-oħrajn biex jiġu organizzati attivitajiet u fejn bħal ma jiġri diġa jgħin b'mod dirett biex jintrama t-tiżjien tal-

Milied. L-importanti li kull għajnuna diretta tal-Kunsill isir sabiex tidgawda faxxa wiesgħa mill-lokalita. Il-Kunsill Lokali għandu dejjem jara iżda li kull għaqda tkun reġistrata bħala Għaqda Volontarja. Filfatt f'Mejju 2024 ġie iffirmat ftehim bejn il-Kunsill Lokali u ż-żewġ soċjetajiet fuq l-armar tat-tiżjien tal-Milied.

### 3.1.15 NEFQA SOĊJALI

Għalkemm il-Gvern ma jagħti l-ebda fondi għan-nefqa soċjali lill-Kunsilli Lokali, il-Kunsill taż-Żurrieq jerġa' jiggarantixxi li jalloka somma ta' flus fis-sena, sabiex jitwettqu proġetti soċjali fiż-Żurrieq, li jinkludu l-ingaġġ ta' professjonisti fl-oqsma soċjali sabiex jassistu liż-Żrieraq fil-bżonn kif ukoll inizjattivi oħrajn bħal faċilitajiet fit-toroq għal persuni b'diżabilita', transport fejn ikun hem mil-ħtieġa u xi affarijiet oħra li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

Il-Kunsill ser ikompli jaħdem fuq is-servizz bla ħlas, ta' *wheelchair/walking aids* biex jinkrew lil min ikollu bżonn.

Il-Kunsill ikompli joffri s-servizz bla ħlas ta' għoti ta' tilqima kontra l-influenza, anke' lil dawk li ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar.

Titkompla Skola sports fiż-Żurrieq bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves u Zurrieq FC.

Terġa ssir in-nofs Marathona tal-ġiri, il-ġirja 10k u ġirja għat-tfal f'Novembru.

Issir tiġrija ta' 5k għal kbar u oħra ta' kilometru għat-tfal fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq.

Jingħata s-servizz ta' test tas-smiegħ lill-anzjani.

Isir dog park u jitkompla x-xogħol fuq cat cafe.

Tingħata l-għajnuna lill-feeders tal-qtates fuq mediċinali u neutering.

### 3.1.16 ĦIDMA REĠJONALI

Il-Kunsill Lokali jkompli jsostni l-politika reġjonali tiegħu sabiex flimkien mal-lokalitajiet tal-viċin isiru ħidmiet li jrendu iktar valur għall-flus u inizjattivi oħra favur iċ-ċittadini kollha.

Titkompla l-koperazzjoni biex il-ġbir tal-iskart li issa sar fuq bażi reġjonali, jiġi sorveljat u fejn ikun hemm bżonn jitħarrek min ma jikkoperax.

## 4.0 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill iwettaq bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li għandha ssib l-aħjar bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jeżegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita' jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

Ta' kull sena jsir moniteraġġ tas-sistema tal-elettriku, fire extinguishers, fire alarms, alarms u first aid box, tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Filwaqt li jsiru drills frekwenti, kif meħtieġ minn OSH.

**Josianne Cilia Mumford**
**Segretarju Eżekuttiv**
**April 2025**

**5.3 Tbassir tad-Dhul ghal tlett Snin**

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA | STIMA | STIMA | STIMA |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| | | € | € | € | € |
| 2 | Id-Dhul | 1020872 | 1020900 | 1031109 | 1041420.09 |
| 3 | Bzonnijiet Specjali | | | | |
| 4 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | 9000 | 252000 | 254520 | 257065.2 |
| 15 | Hwejjeg ohra | | | | |
| | | | | | |
| 20 | Il-'Bye-laws' | | | | |
| 21 | Servizzi Komunitarji | 70000 | 77510 | 78285.1 | 79067.951 |
| 36 | Ksur tal-'bye-laws' | | | | |
| 56 | Ghotjiet Sponsorjati | | | | |
| 71 | Generali | 1000 | 60 | 60.6 | 61.206 |
| 64 | Income from administration fee | 5600 | 4500 | 4545 | 4590.45 |
| 90 | L-Investiment | | | | |
| 91 | Imghax tal-Bank | 100 | | | |
| 96 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | | | | |
| 100 | Generali | | | | |
| 110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 140 | Insurance Claims | 500 | | | |
| 260 | Grants | 708348 | 914000 | 923140 | 932371.4 |
| | | **1815420** | **2268970** | **2291659.7** | **2314576.297** |

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA | STIMA | STIMA | STIMA |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| | | € | € | € | € |
| 1000 | Is-Salarji | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 38400 | 38581 | 38773.905 | 38967.77453 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 124300 | 133995 | 134664.975 | 135338.2999 |
| 1300 | Bonus | 927 | 766 | 769.83 | 773.67915 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 800 | 723.06 | 726.6753 | 730.3086765 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali | 10000 | 10820 | 10874.1 | 10928.4705 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') Kunsilliera | | | | |
| 1700 | Sahra | 400 | 300 | 301.5 | 303.0075 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogholijiet Ohra | | | | |
| 2100 | Servizzi (Dawl, ilma, telefon ecc) | 10000 | 20000 | 20100 | 20200.5 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 5000 | 9000 | 9045 | 9090.225 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 204000 | 332400 | 334062 | 335732.31 |
| 2400 | Kera | 15600 | 12750 | 12813.75 | 12877.81875 |
| 2500 | Shubija f'ghaqdiet nazzjonali / internazzjonali | 1300 | 270 | 271.35 | 272.70675 |
| 2600 | Spejjez tal-Ufficcju | 10000 | 10000 | 10050 | 10100.25 |
| 2700 | Trasport | 3000 | 2500 | 2512.5 | 2525.0625 |
| 2800 | Gemellaggi | 3700 | 3700 | 3718.5 | 3737.0925 |
| 2900 | Taghrif lill-pubbliku | 10400 | 16411 | 16493.055 | 16575.52028 |
| 3000 | Spejjez ta' kuntratti | 531376 | 459100 | 461395.5 | 463702.4775 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 29500 | 37700 | 37888.5 | 38077.9425 |
| 3200 | Tahrig | | | | |
| 3300 | Ospitalita u Servizzi lill-Komunita | 50000 | 120800 | 121404 | 122011.02 |
| 3400 | Provisions for Bad Debts | | 290 | 291.45 | 292.90725 |
| 3600 | Spejjez tal-Infurzar lokali (LES) | 800 | 4000 | 4020 | 4040.1 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib | 79000 | 8000 | 8040 | 8080.2 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2000 | 2000 | 2010 | 2020.05 |
| 7500 | Progetti Specjali | 846118 | 892118 | 896578.59 | 901061.483 |
| | | **1976621** | **2116224** | **2126805.18** | **2137439.206** |

**5.2 Noti Ġenerali**

***Dħul tal-Gvern Ċentrali***
Qed tkun assunta li ser ikun hemm żieda ta’ 1%, fl-allokazzjoni tal-Gvern Centrali.

***Infiq***
*Salarji*
Żieda ta’ 0.5% biex tagħmel tajjeb għal żidiet fl-għoli tal-ħajja kif ukoll salarji ta’ mpjegati u żidiet oħra tal-ftehim kollettiv.

***Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra***
Żieda ġenerali fl-ispiża ta’ 0.5% għajr għal Infieq Kapitali

***Infiq Kapitali***
Qed tiġi assunta allokazzjoni speċifika għal kull sena biex isir proġett kapitali f’kull sena.